**12 ta' Frar, 1996**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**

Paul Azzopardi *et*

*versus*

Maria Lourdes Sciberras *et*

**Spejjeż ta' Funeral - Preskrizzjoni - Artikolu 2148 (a) tal-Kodiċi Ċivili - *Locus Standi* ta' Mara Miżżewġa - *Jus Superveniens***

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn laqgħet it-talba attriċi għall-ħlas ta' spejjeż ta' funeral bir-riserva li l-konvenuta, jekk ikun il-każ, tirreklama s-sehem ta' l-ispejjeż funerarji mingħand l-eredi.*

*Riflessjonijiet fuq* locus standi in iudicio *ta' mara miżżewġa wara l-emendi ta' l-1993 u l-esklużjoni mill-ambitu ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kodiċi Ċivili, ta' l-ispejjeż ta' funeral.*

Il-Qorti:-

L-atturi - bi professjoni *Undertakers and Church Servants* - ħarrku lill-konvenuta biex tħallas kont ta' funeral ta' missierha b'dan l-avviż:

"il-għaliex m'għandekx tħallashom is-somma ta' mija u disgħa u sittin lira (Lm169) dovuti lilhom minnek skond l-anness kont Dok. A rappreżentanti l-ispejjeż tal-funeral ta' Giuseppi Vassallo li kien ġie ordnat minnek lilhom f'Ġunju, 1987 u li kien ġie debitament esegwit minnhom u dan bl-imgħax skond il-liġi sad-data tal-ħlas finali;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri bonarji tas-7 ta' Diċembru, 1989 u tal-5 ta' Frar, 1990 u bl-inġunzjoni tiegħek għas-subizzjoni";

Il-konvenuta hekk eċċepiet:

"Illi hija mhix il-leġittima kontradittura f'din il-kawża billi se mai dan huwa żewġha;

Illi fi kwalsiasi każ għandhom jissejħu fil-kawża l-werrieta kollha ta' Giuseppi Vassallo;

Illi l-ammont in kwistjoni jinsab preskritt";

L-atturi in vista ta' l-eċċezzjonijiet mogħtija talbu u ottjenew il-kjamati fil-kawża ta' John Vassallo, Nicholas Vassallo u Konsolata Camilleri ħut il-konvenuta;

Dawn il-kjamati fil-kawża hekk eċċepew:

"Illi l-ġudizzju mhux integru stante li r-raġel ta' Konsolata Camilleri ma ġiex kjamat fil-kawża bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu u għalhekk l-eċċipjenti għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra min ikkjamahom fil-kawża;

Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni attriċi hija preskritta *ai termini* ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kodiċi Ċivili, bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-eċċipjenti ma taw l-ebda inkarigu lill-atturi kif del resto ammess minnhom stess fil-kawżali ta' l-avviż, u għalhekk l-istess eċċipjenti m'għandhom l-ebda relazzjoni ma' l-istess atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-flus huma fil-pussess tal-konvenuta Maria Lourdes Sciberras u għalhekk għandha tiġi unikament hi li tħallas lill-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom";

Il-kjamata fil-kawża Konsolata Camilleri ippreżentat ukoll nota ta' eċċezzjonijiet waħedha, pero`, dawn l-eċċezzjonijiet huma mmotivati u kompriżi f'dawk magħmula kollettivament ma' ħutha l-oħra u fuq riportati;

Il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati b'sentenza tat-30 ta' Ġunju, 1995, laqgħet it-talbiet attriċi, irrespinġiet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-kjamati fil-kawża u kkundannat lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' Lm169 spejjeż involuti fil-funeral skond l-avviż. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

L-Ewwel Qorti waslet għal din id-deċiżjoni fuq dawn il-konsiderazzjonijiet li qed jiġu riprodotti in kwantu jirreġistraw fuq kollox, l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti fuq l-attendibilita` tal-provi u l-kredibilita` tax-xhieda, prinċipalment tal-kontendenti;

"Din il-kawża tirrigwarda talba da parti ta' l-atturi għall-ħlas ta' spejjeż ta' funeral tal-mejjet Ġużeppi Vassallo, ordnat mill-

konvenuta u li hija ma ħallsitx (ara xhieda a fol. 14-15) għaliex tippretendi illi ħutha għandhom jaqsmu magħha l-ispejjeż;

Illi skond ix-xhieda ta' Paul Azzopardi (ara fol. 14-15) kif ukoll dik ta' Peter Bonello 38, 39, dawn kienu jaħdmu ta' *undertakers* fil-knisja ta' San Pawl, ir-Rabat;

Jgħidu illi kienu ġew il-konvenuta u r-raġel tagħha, fl-istess Sagristija, biex jinkarigaw lill-*atturi* jieħdu ħsieb il-funeral ta' missier il-konvenuta;

Illi minkejja dan, il-konvenuta u r-raġel tagħha naqsu illi jħallsu lill-attur l-ispejjeż involuti fil-funeral li ammontaw għal Lm169, kif jidher minn Dok. A a fol. 3 fil-proċess. Peter Bonello l-attur jiddikjara a fol. 39, illi huwa ma kienx jaf lill-kjamati fil-kawża qabel ma ltaqa' magħhom fil-Qorti f'din il-kawża;

Illi kjamati in kawża kollha ddikjaraw illi huma lanqas biss ma kienu jafu lil Peter Bonello qabel din il-kawża u *ad ogni modo* il-flus ta' l-eredita` ta' Ġużeppi Vassallo kollha kienu f'idejn il-konvenuta li kellha l-prokura (ara xhieda ta' fol. 40, 43);

Anzi jirriżulta mix-xhieda ta' Nicholas Vasallo a fol. 44, illi l-ftehim dwar l-ispejjeż tal-funeral fost l-aħwa kien illi l-konvenuta kienet ser tħallas dawn minn flus li kienet ser tiġbor li kien għad fadal mill-benefiċċji soċjali *accruing* lill-istess mejjet Ġużeppi Vassallo (ara xhieda a fol. 44);

Illi mix-xhieda tal-konvenuta, din issostni versjoni kompletament diversa. Tgħid illi laqqgħet lill-ħutha d-dar tagħha wara l-mewt ta' missierha u hemm ftehmu illi l-funeral ser isir mill-

atturi - u li għal dan il-ftehim kien hemm preżenti mhux biss il-kjamati in kawża hemm ukoll l-atturi fid-dar tal-konvenuta (ara xhieda a fol. 58 para. 4 u xhieda a fol. 35 para. 1);

Iżżid tgħid il-konvenuta illi Nicholas Vassallo ordna illi fjuri jkunu qronfol. Tiċħad illi għandha xi flus u li ċ-*cheque* ta' *back payment* kien ser ikopri l-ispejjeż ta' funeral - billi tgħid illi dawn kienu intiżi għall-quddies li hija ħallset il-kurja għal erwieħ il-ġenituri tagħha;

Ikkunsidrat:

Illi mill-kumpless tax-xhieda prodotta, l-aktar ħaġa li toħroġ ċara u lampanti, hija l-gideb sfaċċat tal-konvenuta;

Dan qiegħed jintqal wara illi din il-Qorti kellha l-opportunita` tara l-aġir tal-konvenuta fil-pedana tax-xhieda u waqt is-seduta l-Qorti. Din il-Qorti hija konvinta illi ebda *meeting* ma sar id-dar tagħha għall-aħwa u l-atturi u l-ftehim għall-funeral sar biss fis-Sagristija tal-knisja fir-Rabat bejn l-atturi u l-konvenuta u żewġha. Dan ġie ripetutament ikkonfermat mill-atturi u mill-kjamati in kawża b'mod speċjali minn Nicholas Vassallo li ħalef illi l-aħwa lanqas għall-funeral ma daħlu fid-dar tal-konvenuta, imma attendew il-korteo mill-bieb 'il barra tad-dar tal-konvenuta, mhux biss hekk, imma skond ix-xhieda ta' Bonello, a fol. 64, jidher illi l-konvenuta kienet qed tipprova ġġiegħel lil Bonello jigdeb għar-rigward il-kwistjoni tal-fjuri;

Illi għalhekk huwa ċar l-uniku ftehim illi kien hemm bejn l-aħwa kien illi l-konvenuta li kienet ser tiġbor *back payment* mis-servizzi soċjali *accruing* lil missierha u kellha tħallas minn dawn il-

fondi l-ispejjeż tal-funeral. Illi għalhekk l-uniku relazzjoni legali vinkolanti hija dik bejn l-atturi u l-konvenuta;

Illi għar-rigward l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, għandu jingħad illi bl-emendi riċenti ta' l-1993 il-mara tista' taġixxi waħedha mingħajr l-assistenza ta' żewġha u għalhekk il-Qorti qiegħda tirrespingi l-ewwel eċċezzjoni;

Illi għar-rigward tat-tielet eċċezzjoni l-artikolu 2148 (a) li tiddetermina l-perijodu ta' preskrizzjoni u ċjoe' dik ta' 18-il xahar;

Illi din il-Qorti rat ittri uffiċjali Dok. B, C u D u tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ssollevata mill-konvenuta;

Illi għar-rigward tat-tieni eċċezzjoni, u ċjoe' illi l-aħwa kollha għandhom jidħlu għall-ispejjeż tal-funeral, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-aħwa kienu fil-fatt ġa' ħallsu sehemhom ta' l-ispejjeż mill-*back payment* taċ-*cheque* tas-*Social Service* li ħadet il-konvenuta;

Illi għar-rigward l-irċevuti lill-kurja a fol 66 u 68 din il-Qorti, li ma tagħti ebda affidament għal dik li xehdet il-konvenuta, ma tħossx illi tista' teħodhom in konsiderazzjoni, meta jidher illi kien quddies li riedet tagħmel il-konvenuta u mhux ħutha, għal erwieħ tal-ġenituri tagħha";

Mill-eżami ta' l-atti, din il-Qorti waslet hi ukoll għall-istess konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti u għall-konvinċiment illi s-sentenza appellata timmerita li tiġi kkonfermata. Tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet fil-qosor:

Din il-kawża trid tiġi investigata minn żewġ aspetti. Ir-

relazzjonijiet bejn l-atturi u l-konvenuta u dawk bejn il-konvenuta u l-kjamati fil-kawża, ħutha;

Ftit jista' jkun hemm dubbju illi l-appalt għall-*esekuzzjoni* tal-pompi funebri ġie mogħti direttament mill-konvenuta lill-atturi mingħajr l-interessament tal-kjamati fil-kawża. Jirriżulta ppruvat illi kienet il-konvenuta u żewġha illi akkordaw ma' l-atturi u stabbilew il-modalitajiet ta' kif kellu jsir il-funeral u ftehmu fuq il-prezz. Kif hu ppruvat ukoll illi mhux biss il-kjamati fil-kawża ma intervjenewx qabel, waqt jew wara l-*ftehim*, imma ukoll hu stabbilit li l-atturi lanqas biss kienu jafu lill-kjamati fil-kawża, la personalment u lanqas bħala persuni intressati fil-funeral. Dan bilfors iwassal għall-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti, illi r-relazzjoni ġuridika diretta illi nħolqot bl-akkordju kienet bejn l-atturi u l-konvenuta. Kienet allura l-konvenuta li assumiet ir-responsabbilita` għall-pagament tas-servizzi funebri li hi ordnat;

Naturalment, dana ma jfissirx li l-kjamati fil-kawża ma kinux interessati fil-funeral jew li ma sarx diskors bejniethom u bejn il-konvenuta jew li ma ddelegawhiex biex tiprovdih. Difatti hemm indizzji ta' prova illi kien hemm xi forma ta' ftehim bejn il-kjamati fil-kawża u l-konvenuta fis-sens li din ta' l-aħħar kellha tassumi hi r-responsabbilita` tal-funeral u titħallas minn fondi ta' l-eredita' li kienu ser ikunu disponibbli għaliha. Il-konvenuta in parte tikkontesta dan il-ftehim, pero` - apparti dan l-aspett - hu ovvju li dak li sar bejn il-konvenuta u l-kjamati fil-kawża hu għall-atturi *res inter alios acta*;

Stabbilit illi r-relazzjoni ġuridika ta' l-atturi kienet mal-konvenuta, hi konsegwenzjali l-konsiderazzjoni illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni setgħet tiġi avvanzata utilment biss mill-istess

konvenuta. Il-konvenuta teċċepixxi l-preskrizzjoni u tinsisti fuqha kontra l-pretensjoni ta' l-atturi li t-terminu preskrittiv kien ġie interrott. Ġustament, issostni li ma kinitx korretta l-Ewwel Qorti meta kkunsidrat li kien hemm interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv estintiv ta' l-azzjoni bl-ittri li l-atturi u l-konvenuta skambjaw qabel ġie pprezentat l-avviż. Pero`, minn eżami ta' dawn l-ittri tirriżulta b'mod univoku, ammissjoni tal-konvenuta għall-ammont reklamat, anke jekk kienet b'mod żbaljat, qed tippretendi li ħutha kellhom, fil-konfront ta' l-atturi, jagħmlu tajjeb għal sehemhom mill-ammont irreklamat. Fl-ittra tal-konsulent tagħha tad-19 ta' Diċembru, 1989, il-konvenuta tgħid illi "Il-klijenti tiegħi (il-konvenuta u żewġha) huma biss werrieta in parte ta' Ġużeppi Vassallo li ħalla warajh ħamest itfal. Għalhekk huma biss responsabbli għall-ħlas ta' parti mill-ammont minnek reklamat. Huma lesti li jħallsu sehemhom jekk int taċċetta dan". Dan ma jistax ħlief ifisser illi l-konvenuta ma kellha l-ebda kontestazzjoni fuq l-ammont pretiż; kienet qed taċċetta li tħallas sehemha pero`, ma kinitx ippreparata li tħallas id-differenza għax kienet qed issostni li dak kien dovut minn ħutha. Għal dak li jirrigwarda sehemha tal-kont, il-konvenuta ċertament ma tistax tippretendi li l-azzjoni kienet preskritta;

Inoltre hu nnotat illi l-konvenuta ma indikat qatt liema terminu preskrittiv kienet qed tavvanza kif kienet obbligata tagħmel skond il-liġi. Eċċepiet biss li l-ammont in kwistjoni jinsab preskritt. Kienu l-kjamati fil-kawża illi eċċepew li l-azzjoni attriċi kienet preskritta fil-konfront tagħhom *ai termini* ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16. Il-kjamati fil-kawża pero`, ma appellawx minn sentenza li lliberathom u hu ovvju li l-eċċezzjoni li huma taw ma tistax testendi għall-konvenuta li magħha għandhom interessi konfliġġenti. Il-konvenuta allura, ma tistax tieħu ebda vantaġġ minn din l-eċċezzjoni. In kwantu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tiġġjova

biss lil min jagħtiha;

Sewwa jingħad ukoll għal kull *buon fini* illi s-subinċiż (a) ta' l-artikolu 2148 ma jidhirx li japplika *għall-każ in eżami*. *B'dan is*-subinċiż il-preskrizzjoni qasira bl-għeluq ta' 18-il xahar hi applikabbli għall-"azzjonijiet ta' ħajjata, skrapar, mastrudaxxa, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentiera, arluġġara, u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika għall-prezz ta' l-*opri* jew *tax*-xogħlijiet tagħhom jew tal-materjal li jfornu". Issa hu ovvju li min jipprovdi servizzi ta' pompi funebri ma jistax jiġi klassifikat taħt xi waħda minn dawn l-artiġġjani li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika. Hu jipprovdi serje ta' servizzi ta' natura varji li testendi mill-provvista ta' tebut, fjuri, karozzi, assistenza ġenerali waqt is-servizz funebri, preparamenti għad-difna u ġeneralment jagħmel dak kollu li hu meħtieġ f'ċirkostanzi ta' din ix-xorta. Il-preskrizzjoni invokata b'mod ġenerali mill-konvenuta u b'mod speċifiku mill-kjamati fil-kawża mhix għalhekk applikabbli u qed tiġi riġettata;

L-eċċezzjoni l-oħra avvanzata mill-konvenuta hi li hi mhix il-leġittima kontradittriċi f'din il-kawża "billi se mai dan huwa żewġha. Hu llum paċifiku illi l-konvenuta, mara miżżewġa, wara l-emendi ta' l-1993, għandha *locus standi in iudicio*. Qabel dawn l-emendi ma kellhiex. Jirriżulta ukoll mill-atti illi l-*meritu jirrigwarda* drittijiet u obbligi li jappartjenu jew huma konnessi ma' eredita` li għaliha l-konvenuta u mhux żewġha hija msejħa. Ċertament illum il-konvenuta kienet tkun il-persuna li taġixxi biex tħares l-interessi tagħha stess. L-eċċezzjoni mogħtija tirrigwarda allura *n-nuqqas* ta' kapaċita` tal-mara meta ġiet introdotta l-azzjoni li toqgħod fil-ġudizzju. Kapaċita` li llum hi akkwistat. M'hemm l-ebda raġuni għaliex allura, illum, anke bir-regoli tal-*ius superveniens* kull nuqqas proċedurali f'dan ir-rigward m'għandux jitqies li huwa għal kollox

sanat. Bizzejjed jinghad illi anke kieku l-azzjoni kienet saret sewwa kontra r-raġel tal-konvenuta qabel l-emendi *ta' l-1993*, *ma kien hemm* xejn x'jimpedixxi lil martu li tassumi l-atti hi nnifisha minfloku wara li saru dawn l-emendi. Kienet anzi tkun fid-dover li hekk tagħmel. Anke din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk *miċħuda;*

Il-Qorti finalment tagħmel ukoll il-konsiderazzjoni illi r-relazzjonijiet bejn il-konvenuta u l-kjamati fil-kawża ma kellhomx u m'għandhomx jiġu definiti f'din il-kawża una volta ġie stabbilit illi n-negozju ġie konkluż bejn il-konvenuta u l-atturi, mingħajr l-involviment tal-kjamati fil-kawża. Hu dan in-negozju li jifforma l-meritu ta' din il-kawża u mhux ir-relazzjonijiet bejn il-werrieta preżunti *tad-decujus* li tiegħu sar il-funeral u li *dwarhom, kif fuq* indikat, ġew prodotti diversi xhieda. Il-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti dwar dawn ir-relazzjonijiet u allegat ftehim dwar kif kellu jsir il-funeral u l-ħlas tiegħu għandhom *strettament jiġu skartati in* kwantu huma f'posthom biss jew f'azzjoni *ad hoc* jew f'waħda ta' likwidazzjoni ta' l-eredita' *tad-decujus* provenjenti lill-konvenuta u lil ħutha kjamati f'din il-kawża;

"L-ispejjeż funerarji huma a kariku ta' l-assi tal-persuna li mietet u li għaliha saru dawk l-ispejjeż" (Vol. XXXIV, P.II, p.463). "Ma hemmx kwistjoni li din l-ispiża għandha titħallas in kwantu jirrigwarda *d-decujus*, mill-assi partikolari tagħha" (Vol. XXIX, P.II, p.270). "L-ispejjeż funerarji *tad-decujus* għandhom jiġu addebitati mill-assi partikolari tagħha" (Vol. XLI, P.II, p.831);

Eredita' li jidher li, fil-każ in eżami, għadha ma ġietx illikwidata. Id-drittijiet reċiproċi tal-kontendenti f'dan ir-rigward fosthom id-dritt tal-konvenuta li tirreklama s-sehem ta' *l-ispejjeż* funerarji minn kull wieħed mill-eredi, jekk dan ikun il-każ, qed

jiġu għalhekk irriservati;

Għal dawn il-motivi u b'din ir-riserva, il-Qorti qed tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ *istanzi* kontra l-konvenuta.